

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2005/0179(COD)

26.6.2006

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

dwar il-proposta għal rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar mobbiltà transnazzjonali fi ħdan il-Komunità għall-finijiet ta'
edukazzjoni u taħriġ: Karta Ewropea ta' Kwalità favur il-Mobbiltà
(COM(2005)0450 – C6-0291/2005 – 2005/0179(COD))

'Rapporteur' għal opinjoni (*): Sepp Kusstatscher

(*) Kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-kumitati – Artikolu 47 tar-Regoli
ta' Proċedura

PA_Leg

EMENDI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Kultura u għall-Edukazzjoni, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Test propost mill-Kummissjoni¹

Emendi tal-Parlament

Emenda 1 Titolu

Proposta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-mobbiltà tranżnazzjonali fi ħdan il-Komunità għal finijiet ta' **edukazzjoni** u taħriġ: Karta Ewropea ta' Kwalità favur il-Mobbiltà

Proposta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-mobbiltà tranżnazzjonali fi ħdan il-Komunità għal finijiet ta' taħriġ **vokazzjonali** u **edukattiv**: Karta Ewropea ta' Kwalità favur il-Mobbiltà

Emenda 2 Premessa 1

(1) Il-mobbiltà **fl-edukazzjoni u fit-taħriġ** hi parti integrali tal-moviment ħieles tal-persuni – libertà fundamentali protetta bit-Trattat – u tikkostitwixxi wieħed mill-objettivi prinċipali ta' l-azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea fil-qasam edukattiv u tat-taħriġ vokazzjonali; **fil-fatt**, hi għodda essenzjali biex jinholq spazju Ewropew għall-edukazzjoni u t-taħriġ u biex tkun żviluppata sensittività Ewropea.

(1) Il-mobbiltà hi parti integrali tal-moviment ħieles tal-persuni – libertà fundamentali protetta bit-Trattat – u tikkostitwixxi wieħed mill-objettivi prinċipali ta' l-azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea fil-qasam edukattiv u tat-taħriġ vokazzjonali; **ibbażata kemm fuq valuri komuni u kif ukoll fuq rispettt għal diversità**, hi għodda essenzjali biex jinholq spazju Ewropew għall-edukazzjoni u t-taħriġ **kontinwi, istrument biex jiġu affaċċjati l-qgħad u l-faqar** u biex tkun żviluppata sensittività Ewropea **u ċittadinanza Ewropea attiva**.

¹ Għadu mhux ippubblikat fil-ĠU.

Emenda 3
Premessa 1 a (ġdida)

(1a) Il-mobbilità ġġib liċ-ċittadini eqreb xulxin, ittejjeb it-tolleranza reċiproka u tkompli integrazzjoni politika aktar mill-qrib. Tippromwovi s-solidarjetà, l-iskambju ta' ideat u għarfien aħjar tal-kulturi differenti li jiġformaw l-Ewropa; għalhekk il-mobbilità tkompli koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u ttejjeb l-impjegabilità ta' individwi fi żmien ta' globalizzazzjoni.

Emenda 4
Premessa 2 a (ġdida)

(2a) Il-provvediment ta' qafas aħjar għall-mobbilità għall-finijiet ta' edukazzjoni u taħriġ fi ħdan l-UE se jgħin biex jiġi ottimizzat l-iżvilupp ta' kapital uman li fil-fatt jikkontribwixxi għall-kisba ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien, ċentrali għall-ħolqien ta' impjegar, żvilupp sostenibbli, riċerka u innovazzjoni fl-Istati Membri.

Emenda 5
Premessa 4

(4) Ix-xogħol ta' grupp ta' esperti mwaqqaf mill-Kummissjoni skond punt III.a) tar-Rakkomandazzjoni msemmija hawn fuq, u l-ewwel rapport ta' inseqwiment, filwaqt li juri l-progress magħmul kemm fil-livell nazzjonali u Ewropew fir-rigward tal-mobbiltà għal skopijiet edukattivi u ta' taħriġ, juri l-bżonn mhux biss li jkun hemm konċentrazzjoni fuq iż-żieda tal-mobbiltà iżda fuq kollox fuq it-titjib tal-kwalità tagħha.

(4) Ix-xogħol ta' grupp ta' esperti mwaqqaf mill-Kummissjoni skond punt III.a) tar-Rakkomandazzjoni msemmija hawn fuq, u l-ewwel rapport ta' inseqwiment, filwaqt li juri l-progress **modest** magħmul kemm fil-livell nazzjonali u Ewropew fir-rigward tal-mobbiltà għal skopijiet edukattivi u ta' taħriġ, juri l-bżonn mhux biss li jkun hemm konċentrazzjoni fuq iż-żieda tal-mobbiltà **f'termini kwantitattivi** iżda fuq kollox fuq it-titjib tal-kwalità tagħha, **li filwaqt li hija bla dubju bżonjuża, m'għandiex tirriżulta f'anqas nies li jibbenefikaw mill-mobbiltà.**

Emenda 6
Premessa 5

(5) Dan l-objettiv jista' jkun **milħuq** billi

(5) Dan l-objettiv jista' jkun **issuktat, inter**

tkun adottata, b'forma ta' Rakkomandazzjoni, Karta ta' Kwalità favur il-Mobbiltà, li tistabbilixxi sett ta' prinċipji f'dan il-qasam, li għandu jkun implimentat fuq bażi volontarja.

alia, billi tkun adottata, b'forma ta' Rakkomandazzjoni, Karta ta' Kwalità favur il-Mobbiltà, li tistabbilixxi sett ta' prinċipji f'dan il-qasam, li għandu jkun implimentat fuq bażi volontarja.

Emenda 7

Premessa 5 a (ġdida)

(5a) Il-Karta ta' Kwalità favur il-Mobbiltà għandha taħseb ukoll għall-bżonnijiet speċifiċi ta' persuni b'diżabilitajiet.

Emenda 8

Premessa 6

(6) Minħabba li l-Karta tinkorpora l-prinċipji fundamentali ta' mobbiltà edukattiva, hi tikkostitwixxi qafas ta' referenza li se jgħin biex jiżdiedu l-iskambji, jiżviluppaw l-għarfien tal-perjodi ta' studju u jgħin biex tkun stabbilita fiduċja reċiproka bejn l-awtoritajiet, l-organizzazzjonijiet u l-partijiet kollha interessati fil-mobbiltà.

(6) Il-Karta għandha tgħin biex jiżdiedu l-iskambji, jiżviluppaw l-għarfien tal-perjodi dedikati għat-taħriġ vokazzjonali jew edukattiv kif ukoll l-għarfien ta' titoli, kwalifikazzjonijiet u benefiċċji soċjali u biex tkun stabbilita fiduċja reċiproka sabiex tittejjeb u tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet, l-organizzazzjonijiet u l-partijiet kollha interessati fil-mobbiltà

Emenda 9

Premessa 6 a (ġdida)

(6 a) Il-vantaġġi li ġgħib il-mobbiltà fl-edukazzjoni u fit-taħriġ lill-ħaddiema ta' l-UE jistgħu biss jiġu realizzati fil-prattika permezz ta' proċess kontinwu, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-interessi ta' l-imsieħba soċjali kollha fl-Istati Membri b'enfasi partikulari fuq il-bżonnijiet ta' min iħaddem.

Emenda 10

Premessa 6 b (ġdida)

(6 b) Il-Karta, fil-lingwi rispettivi tar-riċevituri, għandha tingħata lill-istudenti kollha u lill-persuni kollha li għaddejjin minn taħriġ, mill-awtoritajiet, organizzazzjonijiet, u partijiet oħra

interessati involuti fil-mobbiltà f'pajjiżi ta' l-orìgini u f'pajjiżi ospitanti u għandha tiġi trattata bħala qafas ta' referenza bażika.

Emenda 11
Premessa 7

(7) Il-vantaġġi tal-mobbiltà jiddependu b'mod wiesa' mill-kwalità tal-modalitajiet prattiċi: il-preparazzjoni, l-għajjnuna u l-għarfien. In-nies u l-organizzazzjonijiet involuti jistgħu *konsiderevolment itejbu* l-valur tagħha permezz ta' ppjanar bil-ħsieb u ta' evalwazzjoni adatta.

(7) Il-vantaġġi tal-mobbiltà jiddependu b'mod wiesa' mill-kwalità tal-modalitajiet prattiċi: *l-informazzjoni*, il-preparazzjoni, l-għajjnuna u l-għarfien *ta' l-esperjenza u l-kwalifikazzjonijiet miksubin minn applikanti matul il-programmi ta' taħriġ*. In-nies u l-organizzazzjonijiet involuti jistgħu *itejbu konsiderevolment* il-valur tagħha permezz ta' ppjanar bil-ħsieb u ta' evalwazzjoni adatta.

Emenda 12
Premessa 9

(9) Pjan għat-tagħlim għandu jkun imfassal minn qabel. Preparazzjoni ġenerali tal-parteċipanti hi wkoll neċessarja.

(9) Pjan għat-tagħlim għandu jkun imfassal minn qabel. Preparazzjoni ġenerali tal-parteċipanti hi wkoll neċessarja. *F'dan il-kuntest, l-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet kompetenti għandhom jipprovdu assistenza bl-inqas ammont ta' burokrazija.*

Emenda 13
Premessa 11

(11) Il-mistoqsijiet *relatati mal-finanzjament, b'mod partikulari* liema għajjnuna finanzjarja hi disponibbli u min hu responsabbli mill-ispejjeż għandhom ikunu solvuti qabel it-tluq.

(11) Il-mistoqsijiet finanzjarji u *amministrattivi, bħal* liema għajjnuna finanzjarja hi disponibbli u min hu responsabbli mill-ispejjeż *u mill-kopertura ta' assikurazzjoni fil-pajjiż ospitanti, kif ukoll liema perjodi u liema kontenuti jridu jiġu koperti*, għandhom ikunu solvuti qabel it-tluq.

Emenda 14
Premessa 13

(13) Sabiex tkun żgurata l-kwalità globali tal-mobbiltà, hu mixtieq li jkunu applikati l-prinċipji u r-rakkomandazzjonijiet

(13) Sabiex tkun żgurata l-kwalità globali tal-mobbiltà, hu mixtieq *li moviment ħieles tal-ħaddiema jkun dritt għaċ-ċittadini*

imsemmija għat-tipi kollha ta' mobbiltà għall-iskopijiet ta' taġlim jew żvilupp professjonali: l-edukazzjoni jew it-taħriġ; it-tagħlim formali u mhux formali inkluż il-volontarjat **taż-żgħażaġh**; il-perjodi ta' mobbiltà qosra jew twal; it-tagħlim fl-iskejjel, fl-università jew **akkwistat matul** ix-xogħol l-istudenti żgħażaġh u adulti, eċċ.

kollha ta' l-UE u li jkunu applikati l-prinċipji u r-rakkomandazzjonijiet imsemmija għat-tipi kollha ta' mobbiltà għall-iskopijiet ta' taġlim jew żvilupp professjonali: l-edukazzjoni jew it-taħriġ; it-tagħlim formali u mhux formali inkluż il-volontarjat; il-perjodi ta' mobbiltà qosra jew twal; it-tagħlim fl-iskejjel, fl-università jew **relatat max-xogħol; miżuri b'konnessjoni ma' taġlim tul il-ħajja; miżuri li jiffavorixxu** l-istudenti żgħażaġh u adulti, **studenti b'diżabilità, kif ukoll għall-anzjani,** eċċ.

Emenda 15
Premessa 15 a (ġdida)

(15a) Proġetti pilota mmirati biex tiġi stabbilita sena ta' servizz soċjali volontarju, li tkun tista' titkompla, parzjalment jew kompletament, fi Stati Membri oħrajn, jistgħu jgħinu biex tiġi mħeġġa l-mobbiltà.

Emenda 16
Rakkomandazzjonijiet

JIRRAKKOMANDAW: li l-Istati Membri jadottaw il-Karta Ewropea ta' Kwalità favur il-mobbiltà mehmuża hawnhekk bħala mezz biex jissaħħaħ l-iżvilupp personali u professjonali.

JIRRAKKOMANDAW: li l-Istati Membri:

- jadottaw il-Karta Ewropea ta' Kwalità favur il-mobbiltà mehmuża hawnhekk bħala mezz biex jissaħħaħ l-iżvilupp personali u professjonali;

- **sentejn wara l-adozzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni u kull sentejn wara dawn, iħejju rapporti ta' evalwazzjoni, biex jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni, fejn jiġu evalwati l-miżuri meħudin b'reazzjoni għal din ir-Rakkomandazzjoni;**

- **ikomplu jikkooperaw mill-qrib fl-ogħla livell mal-Komunità Ewropea u jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom bil-ħsieb li jeliminaw kompletament l-ostakli li jxekklu l-mobbiltà taċ-ċittadini ta' l-UE;**

- jistabilixxu kundizzjonijiet u jistipulaw politiki li jippermettu lill-partijiet interessati biex jibbenefikaw bis-sħiħ miż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) fir-rigward tal-mobbilità;

- jipprovdu ffinanzjar pubbliku adegwat u infrastrutturi xierqa għall-mobbilità għall-finijiet ta' taħriġ edukattiv u vokazzjonali sabiex jitjiebu l-livelli ta' taħriġ edukattiv u vokazzjonali għaċ-ċittadini tagħhom.

JISTIEDNU l-Istati Membri biex jinkludu informazzjoni ġenerali u assessjar dwar l-azzjonijiet meħuda bħala respons għar-rakkomandazzjonijiet definiti hawn fuq fir-rapportar tagħhom stabbiliti skond il-programm ta' ħidma "Edukazzjoni u Taħriġ 2010", mit-tieni sena li fiha tkun adottata din ir-Rakkomandazzjoni.

JISTIEDNU l-Kummissjoni:

–biex tkompli tikkoordina ma' l-Istati Membri u l-imsieħba soċjali, sabiex informazzjoni u esperjenza utli li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-miżuri pproklamati f' din ir-Rakkomandazzjoni jistgħu jkunu skambjati

– biex tikkunsidra li din ir-Rakkomandazzjoni tiffirma ħaġa sħiħa mar-Rakkomandazzjoni 2001/613/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u għalhekk tinkludi r-rapporti mitluba ta' kull sentejn fir-rapporti ġenerali tal-programm ta' ħidma "Edukazzjoni u Taħriġ 2010".

JISTIEDNU l-Kummissjoni:

- biex tevalwa r-rapporti ta' evalwazzjoni ppreżentati mill-Istati Membri u biex toħroġ, fi żmien sena minn meta tirċievi dawn ir-rapporti, rapport tal-Kummissjoni dwar il-miżuri meħudin mill-Istati Membri biex inaqqsu r-restrizzjonijiet fuq il-mobbilità, inklużi proposti għal titjib ta' kwalità tal-programmi ta' mobbilità;

–biex tkompli tikkoordina ma' l-Istati Membri u l-imsieħba soċjali, sabiex informazzjoni u esperjenza utli li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-miżuri pproklamati f' din ir-Rakkomandazzjoni jistgħu jkunu skambjati;

– biex tikkunsidra li din ir-Rakkomandazzjoni tiffirma ħaġa sħiħa mar-Rakkomandazzjoni 2001/613/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u għalhekk tinkludi r-rapporti mitluba ta' kull sentejn fir-rapporti ġenerali tal-programm ta' ħidma "Edukazzjoni u Taħriġ 2010".

PROCĊEDURA

Titolu	Proposta għal rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mobbiltà transnazzjonali fil-Komunità għall-għanijiet ta' edukazzjoni u taħriġ: Karta Ewropea ta' Kwalità favur il-Mobbiltà				
Referenzi	(COM(2005)0450 – C6-0291/2005 –2005/0179(COD))				
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	23.9.2005				
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CULT 29.9.2006				
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL				
	29.9.2005				
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni					
Koperazzjoni aktar mill-qrib Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL				
	19.1.2006				
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Sepp Kusstatscher				
	30.11.2005				
Rapporteur(s) preċedenti					
Proċedura simplifikata - data tad-deċiżjoni					
Bażi legali kkontestata Data ta' l-opinjoni tal-JURI					
Allokazzjoni finanzjarja emendata Data ta' l-opinjoni tal-BUDG					
Konsultazzjoni mill-PE mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew - data tad-deċiżjoni fis-seduta plenarja					
Konsultazzjoni mill-PE mal-Kumitat tar-Regġuni - data tad-deċiżjoni fis-seduta plenarja					
Eżami fil-kumitat	20.4.2006	21.6.2006			
Data ta' l-adozzjoni	22.6.2006				
Riżultat tal-votazzjoni finali	+	41			
	-	0			
	0	1			
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Andersson, Jean-Luc Bennahmias, Emine Bozkurt, Iles Braghetto, Alejandro Cercas, Ole Christensen, Derek Roland Clark, Luigi Cocilovo, Jean Louis Cottigny, Proinsias De Rossa, Harlem Désir, Harald Ettl, Carlo Fatuzzo, Ilda Figueiredo, Roger Helmer, Stephen Hughes, Ona Juknevičienė, Jan Jerzy Kułakowski, Sepp Kusstatscher, Jean Lambert, Raymond Langendries, Bernard Lehideux, Elizabeth Lynne, Thomas Mann, Jan Tadeusz Masiel, Ana Mato Adrover, Maria Matsouka, Ria Oomen-Ruijten, Csaba Óry, Pier Antonio Panzeri, José Albino Silva Peneda, Kathy Sinnott, Anne Van Lancker, Gabriele Zimmer				
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Mihael Brejc, Françoise Castex, Dieter-Lebrecht Koch, Magda Kósáné Kovács, Leopold Józef Rutowicz, Patrizia Toia				
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Małgorzata Handzlik, Bogusław Sonik				
Data tat-tressiq					

Kummenti
(disponibbli b'lingwa waħda biss)

...